Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Ġħajxien u tax-Xogħol

Is-saħħa u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol: Rapport ibbażat fuq il-ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

Is-saħħa u l-benesseri huma dimensjonijiet ewlenin tad-dibattitu ta' politika dwar kif jittejbu l-ħajjiet tal-individwi fis-soċjetà. Is-saħħa u l-benesseri għandhom valur intrinsiku u huma fundamentali għall-kunċett tal-progress tal-individwi u l-funzjonament tas-soċjetà minħabba r-rabta diretta tagħhom ma' kwistjonijiet bħal pereżempju l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, il-produttività u s-sostenibilità. Dan ir-rapport jeżamina r-relazzjoni bejn ix-xogħol, is-saħħa u l-benesseri, skont is-sejbiet tal-ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Eurofound (EWCS).

Ix-xogħol hu ċentrali għall-benesseri ta' persuna, peress li jipprovdi kemm dħul kif ukoll hu mezz ta' avvanz soċjali usa. Ix-xogħol u l-benesseri huma relatati mill-qrib, fis-sens li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena jew tajbin għandhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tal-individwu. Ix-xogħol hu wkoll ċentrali għas-saħħa, minħabba fatturi ta' riskju speċifiċi fuq il-post tax-xogħol li jistgħu jwasslu għal leżjonijiet u mard professjonali, mard relatat max-xogħol jew konsegwenzi ta' saħħa għal perjodu twil.

Kuntest ta' politika

Is-saħħa u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol huma elementi ewlenin tal-istrateġija globali Ewropa 2020 għat-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli. Ekonomija f'saħħitha tiddependi minn popolazzjoni f'saħħitha. Mingħajr din, min iħaddem jitlef mill-produttività tal-ħaddiema u ċ-ċittadini huma mċaħħda minn longevità potenzjali u l-kwalità tal-ħajja. Dan hu speċjalment important fid-dawl tad-dibattitu attwali dwar it-tixjiħ demografiku tal-popolazzjoni Ewropea.

Is-salvagwardja tad-dritt ta' kulħadd għax-xogħol u l-assigurazzjoni li n-nies ta' kapaċitajiet ta' saħħa differenti jistgħu jidħlu għal xogħol bi ħlas kien objettiv stabbilit mill-Istati Membri tal-UE kemm fl-istrateġija ta' Lisbona kif ukoll fl-istrateġija Ewropa 2020. Il-leġiżlazzjoni u l-miżuri ta' politika tat-Trattati Ewropej jirrikonoxxu l-importanza li jiġu preservati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u jinżamm il-benesseri tagħhom. Id-Direttiva 89/391/KEE dwar miżuri biex jitjiebu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiddikjara li x-xogħol għandu jkun adattat għall-individwi u mhux bil-kontra.

Kemm id-depressjoni kif ukoll l-istress huma l-fokus ta' attenzjoni dejjem tiżdied, billi jistgħu jwasslu għal benesseri iktar baxxa u eventwalment jirriżultaw fl-inkapaċità għax-xogħol. Fl-2004, l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew ikkonkludew Ftehim Qafas Ewropew dwar l-Istress relatat max-Xogħol biex jidentifikaw, jipprevjenu u jġestixxu problemi relatati mal-istress relatat max-xogħol. Fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati rilevanti, iffirmaw il-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali, li jissottolinea l-importanza tas-saħħa u l-benesseri mentali għal Ewropa b'saħħitha u kompetittiva.

Sejbiet ewlenin

- Is-saħħa ġenerali fqira hi msemmija minn 2.5% tal-ħaddiema Ewropej filwaqt li 47% jirrappurtaw iktar minn żewġ problemi ta' saħħa, b'konnessjoni qawwija bejn id-dimensjoni fiżika u dik mentali.

- Bħala total, 60% tal-ħaddiema li jiddikjaraw saħħa tajba ħafna jew tajba huma fiduċjużi fl-abilità tagħhom li jagħmlu l-istess xogħol fl-età ta' 60, filwaqt li l-proporzjon huwa sinifikament iktar baxx fost dawk b'saħħa fqira.

- Il-kwalità tax-xogħol hi assoċjata ħafna u b'mod pożittiv mal-benesseri. Fost il-ħafna dimensjonijiet tagħha, il-kwalità intrinsika tax-xogħol u l-prospetti ta' xogħol (sigurtà tax-xogħol, progressjoni fil-karriera, kwalità tal-kuntratt) għandhom l-aktar impatt fuq il-benesseri. Malli l-kwalità tax-xogħol

tiddeterjora, il-varjabilità fil-benesseri tiżdied sonstanzjalment: meta ffaċjati b'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena joħorġu differenzi kbar fil-kapaċità li jlaħħqu.

- Ħaddiema bla sengħa u dawk fit-trasport, lukandi u manifattura jirrappurtaw sitwazzjonijiet ta' xogħol eżiġenti ħafna u mhux biżżejjed kontroll fuq ix-xogħol tagħhom. Individwi li jiffaċċjaw dawn il-kundizzjonijiet ta' xogħol 'ta' strapazz kbir' jirrappurtaw benesseri l-aktar baxxi. L-għajnuna soċjali mill-kollegi tagħhom hu l-fattur ewlieni li jgħinhom ilaħħqu.

- Fost l-indikaturi assoċjati l-aktar ma' saħħa u benesseri ħżiena hemm ħinijiet tax-xogħol atipiċi/varjabbli, interruzzjonijiet ta' sfrattu, esponiment għar-ristrutturar, perikli ambjentali u nuqqas ta' sigurtà fix-xogħol. Fuq il-lat pożittiv, l-appoġġ, 'premji' (sentimenti ta' ġustizzja fil-ħlas u ta' prospettivi għall-avvanz fil-karriera) u l-ħiliet huma fatturi prottettivi importanti.

- Ħaddiema fit-trasport u l-kostruzzjoni huma soġġetti għall-agħar dimensjonijiet tal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol. L-istat tal-impjieg u s-sess għandhom impatt sinifikanti wkoll.

- Bl-użu tal-indiċi tal-benesseri mentali (WHO-5) imfassal mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa bħala miżura ta' benesseri emozzjonali u psikoloġika, 23% tal-ħaddiema fl-Ewropa jirrappurtaw livelli baxxi ta' benesseri u għandhom ikunu evalwati għad-dipressjoni, u 6% x'aktarx ibatu minn dipressjoni, bin-nisa jirrappurtaw livelli iktar baxxi mill-irġiel.

- Madwar 40% tal-ħaddiema fl-Ewropa jirrappurtaw li kienu assenti mix-xogħol minħabba mard. L-assenza hi sinifikament ogħla b'sigurtà tax-xogħol/protezzjoni tax-xogħol ogħla, li jagħti x'jifhem li teżisti l-possibbiltà ta' mġiba opportunistika fost il-ħaddiema. Din tiżdied ukoll b'fatturi psikosoċjali marbuta ma' benesseri iktar baxx fuq il-post tax-xogħol (bullying, diskriminazzjoni, ħtiġijiet emozzjonali).

- Total ta' 41% tal-irġiel u 45% tan-nisa rrappurtaw li ħadmu meta kienu morda ('preżentaiżmu') tal-inqas ġurnata waħda fl-aħħar 12-il xahar. Dan il-fenomenu hu aktar frekwenti fost ħaddiema ta' grad għoli, ħaddiema tal-pinna impenjati żżejjed b'awtonomija u obbligu kbir max-xogħol tagħhom. L-assoċjazzjoni pożittiva osservata bl-esponiment għall-intensità tax-xogħol, l-abbuż verbali jew diskriminazzjoni, l-immaniġġjar ta' kimiċi, l-qagħdiet skomdi u x-xogħol bis-sahra jidhru jindikaw li l-preżentaiżmu żdied ukoll b'kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli.

Rakkomandazzjonijiet ta' politika

- Interventi ta' politika li jimmiraw lejn is-saħħa, l-benesseri u s-sigurtà tal-ħaddiema jista' jkollhom impatt sinifikanti jekk il-fokus ikun fuq il-kwalità tal-impjieg, l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol u l-fatturi tal-organizzazzjoni.

- Il-kwalità tal-impjieg hi identifikata bħala element importanti għall-ħaddiema, b'influwenza għolja fuq il-benesseri tagħhom. Kwalità fqira ta' xogħol twassal għal livelli baxxi ta' tħassib dwar il-benesseri għal individwi li huma inqas kapaċi jlaħħqu magħha. Il-fokus tal-politika għandu jmur lil hinn mir-relazzjoni medja bejn ix-xogħol u l-benesseri u jimmira lejn firxa ta' sitwazzjonijiet individwali.

- Is-saħħa fiżika u mentali u s-sigurtà tax-xogħol għandhom assoċjazzjoni dgħajfa mad-dimensjonijiet tradizzjonali li għandhom it-tendenza li jidderieġu d-dibattitu, bħal pereżempju l-industrija, d-daqs tal-kumpanija jew anki l-kuntratt tax-xogħol. Il-qasma ewlenija hi bejn ix-xogħlijiet manwali u mhux manwali; l-assoċjazzjonijiet ewlenin jistgħu jinstabu mal-fatturi determinanti tal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol u tal-organizzazzjoni. Ladarba dawn jiġu kkunsidrati, anki d-differenzi bejn il-pajjiżi għandhom it-tendenza li jisparixxu.

- F'relazzjoni mal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol u l-fatturi tal-organizzazzjoni, l-multipliċità tas-sitwazzjonijiet individwali għandha wkoll tkun mira politika: ħaddiema manwali b'ħiliet baxxi huma dawk li x'aktarx jibbenefikaw l-aktar minn titjib fit-tfassil tax-xogħol u ambjent tax-xogħol li jagħti aktar appoġġ.

- Il-benesseri baxxi u s-saħħa ħażina għandhom prezz għoli fis-soċjetà f'termini ta' assenteiżmu u preżentaiżmu. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom rwol minbarra r-rabta tagħhom mas-saħħa u l-benesseri: kundizzjonijiet tajba tax-xogħol huma indikattivi mhux biss ta' saħħa aħjar, iżda wkoll ta' mġieba inqas opportunistika fil-każ tal-assenteiżmu u inċidenza iktar baxxa ta' preżentaiżmu.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport, *Is-saħħa u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol: Rapport ibbażat fuq il-ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol*, hu disponibbli f' http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1302.htm

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Agnès Parent-Thirion, il-Maniġer tar-Riċerka, fuq apt@eurofound.europa.eu